MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 276/2007

**Simonds Farsons Cisk plc**
**(C 113)**

**Vs**

**John Pisani**
**(ID 790453 M),**
**Brigitte Pisani**
**(ID 406759 M),**
**Sandro Cassano**
**(ID 9667 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta` Marzu, 2007, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici, s-somma ta` elf, erba` mija, disgha u disghin lira (Lm1,499), rapprezentanti ammont ta` self li ghadu dovut a tenur ta` skrittura privata fejn il-konvenuti kienu ntrabtu li jhallsuh lura permezz tad-discounts li kienu ntitolati ghalihom meta l-konvenuti jixtru

l-prodotti minghand l-atturi. U peress illi l-konvenuti ma baqghux jixtru minghand is-socjeta` attrici huma hallew dan il-bilanc ta` self hawn mitlub f'dan l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta` ammissjoni registrata mill-konvenut John Pisani pprezentata fis-seduta ta` l-4 ta` Mejju, 2007.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni taz-zewg konvenuti l-ohra, Brigitte Pisani u Sandro Cassano sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikati legalment, l-imsemmija zewg konvenuti msejha in subizzjoni naqsu li jressqu risposta formali biex jikkontestaw it-talba attrici u kif ukoll ma deherux la fis-seduta tat-28 ta` Settembru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta` llum, u n-nota tal-mistoqsijiet kwindi tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li dan id-debitu jidher li huwa ta` natura kummercjali u kwindi tezisti s-solidarjeta` bejn il-konvenuti kollha.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta` l-Att V ta` l-1995, it-Tribunal jilqa` t-talba u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici, s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` elf, erba` mija u disgha u disghin lira (Lm1,499), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenuti lkoll *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------